**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 13/2025

**L-Erbgħa 29 ta' Ottubru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Ms. Diana Farrugia u Ms. Christina Dimech - Accountants tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 13.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

13.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

### 13.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/K9/2025.

13.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K9/2025 kif ippreżentati.

13.02.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/K9/2025.

13.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K9/2025 kif ippreżentati.

13.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.03.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li tiġi sospiża l-aġenda biex item 7 jiġi diskuss qabel l-items sussegwenti.

13.03.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.07 Rapport Finanzjarju 3 Kwart (Jannar – Settembru 2025).

13.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta r-Rapport Finanzjarju Kwart 3 (Jannar – Settembru) tas-sena 2025 **(Ara Dok. 01)** fejn stieden lill-Accountant tal-Kunsill Ms. Diana Farrugia biex tagħmel il-preżentazzjoni tagħha.

13.07.2 Wara l-preżentazzjoni tal-Accountant, u wara li ma kienx hemm mistoqsijiet partikulari, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ġie ċċirkolat.

13.07.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.07.5 Fis-18:00 is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irringrazzja lill-Accountants u dawn irtiraw.

## 13.04 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/7751/25/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn informaw lill-Kunsill bil-European Artistic Crafts Days 2026.

**46/7760/25/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn informaw lill-Kunsill li fis-26 ta' Novembru ser isir art workshop għall-anzjani u kull m'għandhom bżonn, huma mwejjed u siġġijiet.

**46/7808/25/I** Kwotazzjoni mingħand Tabone għall-imwejjed folded.

**46/7809/25/I** Kwotazzjoni mingħand il-Homemate għall-imwejjed folded.

**46/7810/25/I** Kwotazzjoni mingħand Big Mat għall-imwejjed folded.

**46/7811/25/I** Kwotazzjoni mingħand JYSK għall-imwejjed folded.

**46/7816/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn talab niċċekjaw għal 6 imwejjed u siġġijiet sabiex ikun hemm post għal kulħadd.

13.04.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7751/25/I, 46/7760/25/I, 46/7808/25/I, 46/7809/25/I, 46/7810/25/I, 46/7811/25/I u 46/7816/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li tintgħażel l-irħas offerta għall-provvista ta' sitt imwejjed.

13.04.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7860/25/I** Kwotazzjoni mingħand FireTech għal Panic Buttons.

**46/8021/25/I** Kwotazzjoni mingħand FireTech għal hard drive akbar.

**46/8144/25/I** Email mingħand Fire Tech fejn informaw lill-Kunsill li ser jinstallaw repeater b'xejn sabiex il-Kunsill iżomm is-sistema wireless.

**46/8231/25/I** Email mingħand Fire Tech fejn bagħat ritratt tal-panic buttons.

13.04.4 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7860/25/I, 46/8021/25/I, 46/8144/25/I u 46/8231/25/I** fejn ippropona li l-japprova din in-nefqa peress li hija relatata mal-installazzjoni li diġa qed issir.

13.04.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7948/25/I** Email mingħand MIB bit-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill.

**46/8369/25/I**

13.04.7 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7948/25/I u 46/8369/25/I** fejn ippropona li din tiġi mġedda.

13.04.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8098/25/I** Email mingħand DB Group dwar il-ħinijiet li qed jipproponu li jaħdmu.

13.04.10 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8098/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dak mitlub.

13.04.11 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8148/25/I** Email mingħand Red Cross Malta fejn bagħtu stedina biex il-Kunsill jikkolabora magħhom fl-inizjattiva VOPS-Funded Active Ageing.

13.04.13 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8148/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva u għalhekk fil-jiem li ġejja ser javviċina xi persuni fejn jiġu mħeġġa jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

13.04.14 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8422/25/I** Email mingħand il-librar fejn informa l-Kunsill li jixtieq jorganizza attivita' oħra ta' qari fil-Librerija Pubblika ta' Pembroke nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru fis-6.00pm.

13.04.16 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8422/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba.

13.04.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.04.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8506/25/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn dwar it-talba biex issir mera fi Triq Tunis, minn spezzjoni li għamel fuq il-post jirriżulta li ma hemmx bżonn li tiġi nstallata mera quddiem ir-residenza li għamlet l-ilment, iżda irrakkomanda li tinġabar is-siġra li hemm fuq ġewwa tal-propjetà.

13.04.19 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8506/25/I** fejn informa lill-Kunsill li diġa kien ikkommunika mar-residenta konċernata dwar dan.

**46/8512/25/I** Email mingħand Transport Malta fejn bagħtu link fejn trid tiġi sottomessa l-applikazzjoni tal-Grant for Mobility Initiatives – EMW 2025.

13.04.20 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8512/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova, li jekk ikun possibbli jipparteċipa f'din l-iskema.

13.04.21 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8580/25/I** Email mingħand Online Permit System fejn bagħtu l-proposta tagħhom biex il-Kunsill ikun jista' jibqa' jagħmel użu mis-sistema wara li dan is-servizz mhux ser jibqa' jiġi provdut mill-LGD (għalkemm ser jiffinanzja l-ispiża li ser ikun hemm).

13.04.23 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8580/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova direct order biex dan is-servizz jinxtara mingħand il-kumpanija konċernata u b'hekk ikun hemm kontinwita' ma' dak diġa provdut.

13.04.24 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8601/25/I** Email mingħand Korean Language School fejn talbu kamra biex tintuża bħala klassi għal madwar 14-il ġimgħa.

13.04.26 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8601/25/I** fejn ippropona li sfortunatament il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba minħabba li m'għandux dan l-ispazju disponibbli.

13.04.27 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8632/25/I** Email mingħand GARD fejn talbu l-permess biex ikunu jistgħu jarmaw Jolly Jump Christmas Market fil-Park & Ride bejn l-24 ta' Novembru 2025 sal-15 ta' Jannar 2026.

13.04.29 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8632/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, suġġett li jkun hemm l-approvazzjoni ta' TM.

13.04.30 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8638/25/I** Email mingħand residenta fejn talbet jiġu rranġata l-parkeġġi quddiem r-residenza tagħha fi Triq Mikiel Ang Grima minħabba li ma tkunx tista' tidħol u toħroġ mill-garaxx.

13.04.32 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8638/25/I** fejn ippropona li din it-talba ma tistax tintlaqa minħabba li viċin ir-residenza diġa hemm kaxxi mmarkata bl-isfar u żgur li l-kaxxa l-bajda ma tistax titniżżel aktar lejn il-kantuniera minħabba limitazzjoni li jkun hemm u l-periklu li jista' jiġi kkawżat, u anke abbażi tal-fatt li hemm regolamenti ta' TM li jipprojbixxu dan.

13.04.33 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8743/25/I** Email mingħand residenta dwar ipparkjar ta' vannijiet fuq il-bankina fi Triq Alamein li apparti li qed jagħlqu l-aċċess tal-bankina qed joħolqu konġestjoni ta' traffiku.

13.04.35 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8743/25/I** fejn ippropona li jsir komunikat ma' TM fejn jiġu nfurmata bil-problema li qed ikun hemm u tintalab l-assistenza tagħhom biex isir l-infurzar li hemm bżonn.

13.04.36 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8777/25/I** Email mingħand l-iskola Primarja fejn talbet jitneħħew żewġ bollards imkissra viċin il-gate tal-iskola.

13.04.38 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8777/25/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni li jitneħħew u minflok jiġu ordnata oħrajn aktar heavy duty.

13.04.39 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8799/25/I** Email mingħand l-Inġ. Karl Agius fejn bagħat il-playgrounds Inspection Reports għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn qed jissuġġerixxi li l-bandla tal-persuni b'diżabilità, li tinsab fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, għandha tkun magħluqa b'ċavetta.

13.04.41 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8799/25/I** fejn ippropona li dak mitlub joħloq diskriminazzjoni u għalhekk dak mitlub mhux possibbli jsir.

13.04.42 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8869/25/I**
**46/8870/25/I** Email mingħand residenta fejn talbet il-Kunsill ineħħi l-bankijiet li tpoġġew wara l-BIS ta' Triq il-Mediterran minħabba li qed jintefgħu numru ta' żgħażagħ jixorbu u jpejpu.

13.04.44 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8869/25/I u 46/8870/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara x'jista' isir biex il-bankijiet jitwaħħlu ħallu ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu minn posthom, kif ukoll li l-persuna l'ilmentat tiġi nfurmat sabiex meta tara xi affarijiet illegali jsiru, tagħmel rapport mal-pulizija.

13.04.45 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8909/25/I** Email mingħand Primary Health Care fejn staqsew lill-Kunsill dwar jekk hemmx interess li tingħata t-tilqim tal-influwenza bħas-snin l-imgħoddija.

**46/8932/25/I** Email mingħand Primary Health Care fejn provdew tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Kunsill.

13.04.47 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8909/25/I u 46/8932/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel li dan it-tilqim jiġi provdut mill-Kunsill u għalhekk ser jara kif ser ikun jista' jagħmel dan.

13.04.48 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8910/25/I** Email mingħand TM fejn bagħtu applikazzjoni għal-parkeġġ riservat għal residenta bi bżonnijiet speċjali fi Triq Juno.

13.04.50 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8910/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

13.04.51 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8948/25/I** Email mingħand Pembroke Scouts Group fejn talbu l-permess tal-Kunsill u l-assistenza tal-pulizija għal parata li ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru bejn l-10.15am u l-11.15am.

13.04.53 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8948/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara kif jista' jgħin u għalhekk għandu jsir komunikat mal-Pulizija dwar dan.

13.04.54 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.04.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8951/25/I** Email mingħand GO fejn b'estimu għal shifting ta' servizzi tal-GO fl-akwata tal-ġnien ta' San Patrizju.

**46/8952/25/I** Email mingħand GO fejn bagħtu l-pjanta mitluba tas-servizzi li għandhom għaddejja fl-akwata tal-Ġnien ta' San Patrizju.

13.04.56 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8951/25/I u 46/8952/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan it-talba, u dan fid-dawl li dawn l-ispejjeż ser jiġu rkuprata mingħand PG, kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-PG biex jissupplixxu l-pjanti finalizzata u renderings ħalli l-Kunsill ikun jista' jaqsam din l-informazzjoni mar-residenti.

13.04.57 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.04.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8971/25/O** PA/07046/25 - Luxol Sports Club, Triq Sant' Andrija c/w, Triq Arnhem, Proposed billboard at Luxol Sports Club.

13.04.59 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8971/25/O** fejn ippropona li l-Kunsill, permezz tal-Perit tal-Kunsill, joġġezzjona għal din it-talba abbażi t'oġġezzjonijiet oħra preċedenti.

13.04.60 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.61 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9119/25/I** Ċirkulari mingħand l-AKL 2025/066 dwar Enemalta – Street Lighting Retrofitting Project.

13.04.62 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9119/25/I** fejn ippropona li filwaqt li l-Kunsill jaqbel mal-proġett propost, fl-istess waqt il-Kunsill jixtieq li jkun jaf minn qabel kemm ser tkun l-ispiża biex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett fil-lokal.

13.04.63 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.64 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9141/25/I** Email mingħand LESA dwar it-tieni sejħa għall-Proġetti fil-Komunitajiet - Programm 2024-2026.

13.04.65 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9141/25/I** fejn ippropona li, jekk ikun possibbli, il-Kunsill ser japplika għal din l-iskema.

13.04.66 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9147/25/I** Email mingħand persuna fejn qed jinforma l-Kunsill li jixtieq isemmi triq għal ħuh u staqsa x'inhu l-proċess.

13.04.68 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9147/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba minħabba li l-kriterji ma jintlaħqux.

13.04.69 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9148/25/I** Email mingħand EPRT fejn informaw lill-Kunsill li rċevew Appell Nru. 399/25 għal PA 2024/25 26, St. Mary, Triq Fra Giuseppe Zammit, Pembroke u qed jistaqsu lill-Kunsill jekk għandux interess sabiex jattendi u jkun parti fil-kors ta' smiegħ ta' dan l-appell sabiex jiġi rreġistrat bħala konsulent estern fil-proċeduri ta' dan l-appell.

13.04.71 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9148/25/I** fejn wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, ippropona li l-Kunsill ma jkunx parteċipi f'dan l-appell.

13.04.72 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9149/25/I** Email mingħand Climate Action Authority fejn informaw lill-Kunsill bi Trickle Chargers li jixtiequ jinstallaw fil-lokal u bagħtu lista ta' siti li ġew identifikati u qed jistaqsu l-Kunsill għandiex xi siti oħra.

13.04.74 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9149/25/I** fejn ippropona li t-toroq fejn hemm infrastruttura kif mitlub jinsabu fi Triq Salvatore Castaldi, Pjazza Nazju Falzon u Triq il-Kurunell Cocks.

13.04.75 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.04.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/9150/25/I** Kwotazzjoni mingħand il-Bortex għall-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali.

13.04.77 .Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/9150/25/I** fejn ippropona li din l-istima tiġi milqugħa.

13.04.78 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.04.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04.80 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond artiklu 70 tal-Att 363 il-Kunsill Lokali għandu jsejjaħ il-laqgħa annwali tal-lokalita' sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru sabiex jiġu ppreżentata l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2026.

13.04.81 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li din il-laqgħa għandha tinżamm possibbilment nhar il-11 ta' Diċembru 2025, u jekk dan ma jkunx possibbli, ser isir kommunikat mal-membri biex tinstab data oħra.

13.04.82 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

13.04.83 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04.84 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-Kunsill irid itejjeb il-ħidma tiegħu ta kif iwassal il-messaġġ aħjar lir-residenti, u għalhekk irrimarka li ser ikunu qed jinġabru stimi kif il-Kunsill jista' jisfrutta l-midja soċjali biex ir-residenti jkunu jafu aħjar bil-ħidma tal-Kunsill.

## 13.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.05.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 13.06 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.06.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu saru s-segwenti laqgħat:

- **Laqgħa ma' Sebgha Ventures Ltd** - Il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 2025 fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Perit Dieter Falzon, filwaqt li għal Sebgha Ventures Ltd is-sinjuri Emanuele Pagano Mariani u Angelo Caccici. Waqt il-laqgħa ġew diskussi d-dokumentazzjoni li l-kuntrattur għad fadallu jipprovdi biex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt u eventwalment jibda x-xogħol, liema xogħol huwa previst li jibda fl-ewwel jiem ta' Ottubru 2025 u jintemm sa tmiem is-sena 2025.
- **Laqgħa ta' ko-ordinament mal-entitajiet dwar il-proġett ta' Ġnien San Patrizju** - Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Ottubru 2025 fejn għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li kien hemm rappreżentanti ta' Project Green, tal-J&K Contractors, GO plc, Melita plc, u l-Enemalta plc. Kien hemm qbil li l-entitajiet ser jibgħatu lura l-proposti tagħhom vis-a-vis ċaqlieq ta' servizzi biex kemm jista' ikun jgħaddu mal-periferija tal-proġett kif ukoll kemm jista' ikun jitneħħew overhead cables. Il-Perit ta' PG għandu jipprovdi rapport ta' dak li ġie diskuss.
- **Laqgħa mal-PA dwar DPF** - Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Ottubru 2025 fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Perit Dieter Falzon, filwaqt li għall-PA kienu preżenti l-Perit Frans Mallia, il-Perit Rita Vella, Ms. Mandy Farrugia u s-sur Enzo Cachia. Ġew diskussa l-proġetti tad-dawl u l-bankini relatata li hemm il-ħsieb li japplika għall-fondi tagħhom il-Kunsill inkluż gwida tal-proċess li hemm bżonn isir. (Korrispondenza 46/8814/25/I)
- **Laqgħa ma' TechNovator** - Il-laqgħa online saret nhar it-Tnejn 20 ta' Ottubru 2025 fejn għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għar-Reġjun Lvant Andrea Borg Brincat u għal TechNovator Ms. Ruslana Dovzhyk. Fil-laqgħa ġie maqbul li TechNovator ser tipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet dettaljata tar-rekwiżiti li hemm bżonn biex issir l-infrastruttura tac-charging station, jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-konsum ħalli tkun tista' tiġi formulata stima, kif ukoll dettalji speċifiċi dwar spejjeż involuta ħalli tinkiseb stima t'assikurazzjoni tal-assi li ser ikun hemm fosthom ic-charging station u l-electrical bikes.

13.06.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 15/2025** – Attività Halloween 2025. **(Ara Dok 02)**

13.06.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 16/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 11/K9/25 u 13/K9/25. **(Ara Dok 03)**

13.06.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 16/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

13.06.5 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.06.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.08 Attività tal-Halloween 2025.

| | |
|---|---|
| **46/7573/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Kerber Security Ltd. għal 5 securities. |
| **46/7634/25/I** | Kwotazzjoni mingħand G4S għal 5 securities. |
| **46/7610/25/I** | Kwotazzjoni mingħand OZO Security għal 5 securities. |
| **46/7609/25/I** | Kwotazzjoni mingħand C.A.M.C Security Ltd. għal 5 securities. |
| **46/7940/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Cleansing Services Malta għal 5 mobile toilets għall-attività tal-Halloween. |
| **46/8220/25/I** | Kwotazzjoni mingħand TCB Services Ltd. għal 5 mobile toilets għall-attività tal-Halloween. |
| **46/7947/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Zaren Scicluna għal 5 mobile toilets għall-attività' tal-Halloween. |
| **46/8114/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Mifsud Cleaning Services għal 5 mobile toilets għall-attività tal-Halloween. |
| **46/7645/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Malta Red Cross għal servizz ta' ambulanza u first aiders għall-attivita' tal-Halloween. |
| **46/7902/25/I** | Kwotazzjoni mingħand MediForce Ambulance Service għal servizz ambulanza u first aiders. |
| **46/7951/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Malta First Aid għal servizz ta' ambulanza u first aiders għall-attivita' tal-Halloween. |
| **46/8071/25/I** | Kwotazzjoni mingħand is-Sur Matthew Sant għal preżentazzjoni tal-attivita' tal-Halloween. |
| **46/8130/25/**<br>**46/8185/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Daniel Raven għal servizz ta' maġija għall-attività tal-Halloween. |
| **46/8163/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Face Fun Malta għal servizz ta' face painting. |
| **46/8219/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Chantal Busuttil għal servizz ta' face painting. |
| **46/8368/25/I** | Kwotazzjoni mingħand MIB ta' €456.25 għall-assigurazzjoni tal-attività tal-Halloween. |
| **46/8473/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Michela Pace għal kant ta' 8-12-il kanzunetta. |
| **46/8546/25/I** | Kwotazzjoni mingħand Valeria Zammit għal servizz ta' ritratti waqt l-attività' tal-Halloween. |

**46/8586/25/I** Kwotazzjoni mingħand Back Lights għal dawl u generator.

**46/8596/25/I** Kwotazzjoni mingħand Jugs għal stage, sound u generator.

**46/8634/25/I** Kwotazzjoni mingħand ITC għal dawl u generator.

**46/8659/25/I** Kwotazzjoni mingħand SoundTech għall-audio u stage.

**468710/25/I** Kwotazzjoni mingħand Monica Robustelli għal face painting.

**46/8713/25/I** Kwotazzjoni mingħand Hailey Borg għal social media coverage.

**46/8389/25/I** Email mingħand Ozo Group Malta fejn talbu laqgħa fuq il-post sabiex jaraw xi bżonnijiet hemm.

**46/8812/25/I** Kwotazzjoni mingħand St. Bernard's Safety Training Centre għal Risk Assessment għall-attività' tal-Halloween.

**46/8949/25/I** Kwotazzjoni mingħand Cheeramigos għal 3 animaturi, logħob, żfin, Bubble machine u ħelu.

**46/9144/25/I** Kwotazzjoni mingħand TEC Ltd. għal tiżjin għall-Halloween.

**46/9154/25/I** Kwotazzjoni mingħand Sefora Mannino għal stage supervisor.

**46/9256/25/I** Kwotazzjoni mingħand Sarah Zammit Randich għal pre-event preperations.

13.04.85 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/7573/25/I, 46/7634/25/I, 46/7610/25/I, 46/7609/25/I, 46/7645/25/I, 46/7902/25/I, 46/7940/25/I, 46/7947/25/I, 46/7951/25/I, 46/8071/25/I, 46/8114/25/I, 46/8130/25/I, 45/8185/25/I, 46/8163/25/I, 46/8219/25/I, 46/8220/25/I, 46/8368/25/I, 46/8473/25/I, 46/8546/25/I, 46/8586/25/I, 46/8596/25/I, 46/8634/25/I, 46/8659/25/I, 46/8710/25/I, 46/8713/25/I, 46/8389/25/I, 46/8812/25/I, 46/8949/25/I, 46/9144/25/I, 46/9154/25/I u 46/9256/25/I** fejn ippropona li jintgħażlu l-aħjar offerti għad-diversi servizzi, inkluż, li minħabba esiġenza, ser ikun hemm żieda fl-infieq abbażi tal-budget li kien hemm.

13.08.1 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

13.08.2 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.09 Attivitajiet għal-żmien il-Milied.

**46/8694/25/I** Kwotazzjoni mingħand D Street Lighting għal dawl dekorattiv tal-Milied f'diversi toroq fil-lokal.

**46/8568/25/I** Kwotazzjoni mingħand J. Farrugia għal dawl dekorattiv tal-Milied f'diversi toroq fil-lokal.

**46/8692/25/I** Kwotazzjoni mingħand Bogre Ltd. għal dawl dekorattiv tal-Milied f'diversi toroq fil-lokal.

**46/8693/25/I** Kwotazzjoni mingħand Għaqda Piroteknika 11 ta' Frar għal dawl dekorattiv tal-Milied f'diversi toroq fil-lokal.

**46/8669/25/I** Email mingħand Pintoninu Kids fejn qed joffru s-servizz ta' tqassim ta' rigali fid-djar bl-islitta ta' Santa Klaws u tim ta' karattri.

**46/9051/25/I** Kwotazzjoni mingħand Pintoninu Kids għal tqassim ta' rigali bl-islitta.

13.09.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/8694/25/I, 46/8568/25/I, 46/8692/25/I, 46/8693/25/I, 46/8669/25/I, 46/9051/25/I** fejn ippropona li dwar id-dwal tal-Milied, għandhom jintgħażlu l-irħas offerti. Dwar l-attività tal-Milied il-kelliem irrimarka li ser ikollu jiżdied il-budget minħabba li l-ispejjeż żdiedu.

13.09.2 Il-Kunsillier Therise Abela issekondat.

13.09.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9)**

13.10.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif indikat fl-iskeda, inkluż li l-librar għandu jitħallas abbażi tar-rati l-antika sakemm ikun hemm direzzjoni finali mill-AKL.

13.10.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fis-19:20 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 26 ta' Novembru, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 01

# Pembroke
# Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

### 1st January till End of September 2025 (Quarter 3)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

This financial report covers the period January to September 2025. During the year under review the Council's revenue amounted to €587,465. The total expenditure amounted to €503,235. Hence, closing this period with a surplus of €84,230.

The Council's Government funds amounted to €374,896. Income raised from Bye Laws amounted to €24,950 and this was mainly derived from applications for the use of machinery.

Income from LES amounted to €2,020. This income relates to the 10% administrative charges for fines collected by Council in favour of the Regional Committees. Other income amounted to €185,599 which mainly consists of income for ongoing projects on Gnien William Harding and St. Patricks Garden solar lights to be refunded from Project Green.

Salary costs amounted to €89,914 while Operations and Maintenance amounted to €362,722. During the period the Administration costs amounted to €29,904 while Other Expenditure amounted to €20,695 which was the total depreciation for this period under review.

| | |
|---|---|
| **SIGNED** | **SIGNED** |
| Dr. Kaylon Zammit | Mr. Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| Mayor | Executive Secretary |

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of September 2025 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2025 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2025 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 374,896 | 491,003 | - | 491,003 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 24,950 | 14,888 | - | 14,888 |
| Income raised from LES (3) | 2,020 | 2,400 | - | 2,400 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 185,599 | 46,900 | - | 46,900 |
| **TOTAL** | **587,465** | **555,191** | **-** | **555,191** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 89,914 | 125,823 | - | 125,823 |
| Operations and Maintenance (7) | 362,722 | 375,040 | - | 375,040 |
| Administration (8) | 29,904 | 21,448 | - | 21,448 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
